DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 2518** **13. 11. 2013**

**AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, wara informazzjoni li rċevejna mill-INFOSAN (*International Food Safety Authorities Network*) tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, d-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li l-prodott hawn taħt imsemmi m'għandux jiġi kkonsmat minħabba li qed jiġi possibilment assoċjat ma' każijiet ta' Epatite (*Hepatitis*) f'pajjiżi oħra.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | **Suppliment tal-Ikel** |
| **Ditta:** | **OxyElite Pro; USP Labs** |
| **Data l-aħjar qabel:** | **Kollha** |
| **Lott:** | **Kollha** |




Għalkemm minn informazzjoni miġbura, probabbilment il-prodott ma ġiex impurtat f'Malta mill-bejjiegħa bl-ingrossa, jirriżulta li dan il-prodott kien impurtat għal skopijiet personali u għalhekk bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tad-Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Cutrico Buildings, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.

**Attachments: photos**



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt